MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2006

Numru 848/2004

Il-Pulizija
(Spettur Therese Sciberras)

vs

Paul Saliba
Matthew Bonello

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Paul Saliba u Matthew Bonello ta' karta ta' identita' 233160(M) u 450067(M) rispettivament, akkuzati talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta' Lulju 2004 u fil-jiem ta' qabel, gewwa San Giljan, impjegaw jew taw xoghol lill-persuni li ma kienux persuni ezentati u li ma kellhomx

licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Lgijiet ta’ Malta;
2. bhala persuni responsabbli gewwa fond f’San Giljan impjegaw nies li ma kinux cittadini ta’ Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;
3. fl-istess cirkostanzi bhala l-principali jew il-persuni li mpjegaw persuni ohra, full time, part time jew xort ohra, b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali tas-sena 1993 (3a sa 10);

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta mill-imputati;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:
Huma tlieta l-kapi ta’ akkuza li l-imputati jridu jwiegbu ghalihom u li jsibu l-origini taghhom minn event uniku li jikkoncerna investigazzjoni minn ufficjali ta’ Impieg u Tahrig (ETC) fl-istabiliment tal-ikel “Paul’s Sea Breeze” sit f’San Giljan. Proprjament l-akkuzi jippotizzaw ksur tal-Kap 217 u l-Avviz Legali 110/1993 u bhala tali huma ta’ kompetenza originali ta’ din il-Qorti.

Issa l-akkuzi jittrattaw impieg mhux awtorizzat ta’ persuni barranin gewwa l-istabbiliment. M’hemmx kuntrast li l-imsemmija barranin kienu Malta legalment izda soggetti ghall-kundizzjoni mifhuma li huma ma kellhomx f’Malta jesercitaw xi professjoni jew xoghol jew li jkollhom kariga jew ikunu impiegati minn xi persuna ohra jew li jkunu fin-negozju minghajr licenzja minghand il-Ministru.

Mill-assiem tal-provi provduti quddiem din il-Qorti, u fil-fehma taghha, jirrisulta, li almenu fil-konfront tat-tfajla ta’ nazzjonalita’ ciniza, r-reati addebitati jirrisultaw pruvati.

Dan hu hekk pero’ fir-rigward biss l-imputat Paul Saliba u mhux ukoll fil-konfront l-imputat Matthew Bonello.

Illi dwar piena l-Qorti rat l-Artikolu 11 u 32(1)(b) tal-Kap 217, l-Artikolu 7 tal-Avviz legali 110/1993, u l-Artikolu 17 tal-Kap 9 u tikkundanna l-imputat Paul Saliba ghall-multa ta’ Lm500. Tillibera lill-imputat Matthew Bonello ta’ kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------